**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 108/2011JVC**

**Alfred u Maria konjugi Attard**

**Vs**

**Joseph Attard; Joseph u Josephine konjugi Farrugia; Peter Paul u Doreen konjugi Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi huma nkwilini ta' diversi porzjonijiet art maghrufa bhala "Tal-Gebel l-Ahmar" fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex liema porzjonijiet art huma jikru minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

2. Illi dawn l-artijiet huma s-segwenti:- Porzjoni art maghrufa "Tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl ta' cirka sebat elef disa' mija u sebgha u erbghin metru kwadru (€7,947 mk). Porzjon art tal-kejl ta' cirka mitejn u wiehed u tmenin metru kwadru (281mk). Porzjon art iehor "tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl ta' cirka tmien mija u wiehed u tletin metru kwadru (831mk). Porzjon art iehor "tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl ta' cirka sitt mija u wiehed metri kwadri (601mk); kollha konfinanti mill-irjieh kollha ma' beni ta' l-ufficju kongunt.

3. Illi l-atturi lhom jahdmu din l-art ghal zmien twil u ricentament gew rikonnoxxuti bhala nkwilini mis-sid cioe' mill-Kummissarju ta' l-Artijiet permezz ta' kuntratti li gew iffirmati fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011).

4. Illi ricentament il-konvenuti dehrilhom illi ghandhom xi drittijiet fuq din l-art u bdew jimmolestaw lill-inkwilin billi bdew jidhlulu fl-art illi jahdem hu u anke jiddannegjaw dak illi jkun ghamel bhala xoghol f'din l-art.

5. Illi in oltre l-konvenuti qabdu u ghamlu qsami f'din ir-raba u bdew jippretendu illi porzjon hu ta' wiehed u porzjon huwa ta' l-iehor.

6. Illi dan kollu sar bi pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-inkwilin li ghandu kull dritt u waqqaf lil min qieghed jimmolestah fl-inkwilinar tieghu.

7. Illi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, l-atturi ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuti sabiex dawn bl-ebda mod ma jkunu jistghu jidhlu f'dan ir-raba u bl-ebda mod ma jimmolestaw lill-atturi.

8. Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Alfred Attard li ghandu konoxxenza tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi huma l-inkwilini ta' l-art fuq deskritta.

2. Tiddikjara illi bl-agir taghhom il-konvenuti mmolestaw lill-inkwilin fit-tgawdija ta' l-inkwilinat tieghu.

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jkomplu jimmolestaw lill-atturi u bl-ebda mod ma jidhlu fir-raba mertu ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni Nru 58/2011(PC) u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u di fatti u dana stante li l-istess proprjeta' giet assenjata lill-esponenti u huthom l-ohrajn kollha ndivizament bejniethom u dana permezz

ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stess u l-konsegwenti kuntratt ta' divizjoni;

2. Illi in oltre l-esponenti jichdu bl-ikbar qawwa li huma b'xi mod jew iehor ghamlu kwalsiasi hsarat fl-imsemmija proprjeta';

3. Illi l-attur qatt ma seta' jokkupa tali art qua inkwilin stante li tali art kienet in divizjoni bejn l-istess partijiet u familjari ohra;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-mandat annessi bin-numru 58/2011 fl-ismijiet "Alfred Attard et vs. Joseph Attard et";

Rat ix-xhieda, affidavit, dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Jannar, 2016 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor f'din il-kawza huma li fl-ewwel lok il-partijiet huma ahwa apparti l-konjugi ta' uhud minnhom. Alfred Attard u martu jsostnu li huma l-inkwilini ta' numru ta' ghelieqi fiz-zona maghrufa "tal-Gebel l-Ahmar" limiti tal-Ghajnsielem, liema ghelieqi kienu originarjament proprjeta' tal-Knisja Katidrali u permezz tal-ftehim mas-Santa Sede fis-sena 1993 din il-proprjeta' ghaddiet ghand l-. Huwa jsostni li dawn kienu originarjament mikrija liz-zijiet tieghu Pietru Pawl Said u Guzeppi maghruf bhal Kurun Said li hu kien jghinhom fihom u li f'mument minnhom meta Pietru Pawl Said kien ghadu haj Alfred Attard beda jhallas il-kera lill-Knisja Katidrali hu u gie rikonoxxut bhala l-kerrej tal-istess raba'. Isostni wkoll li llum din ir-raba' hija debitament mikrija lilu u lil martu permezz ta' kuntratti ta' qbiela ffirmati mad-Dipartiment tal-Artijiet taht l-iskema tal-qbiela ntrodotta f'Awissu ts-sena 2000. Finalment isostni li ftit qabel giet intavolata l-kawza hutu qabdu u dahlu

f'din ir-raba' u ghamlu qsami sabiex din ir-raba' tinqasam bejniethom kollha, tmienja f'kollox. Ghalhekk giet intavolata din il-kawza.

Illi da parti taghhom il-konvenuti jsostnu li din ir-raba' kienet originarjament taz-zijiet materni taghhom Pawlu Said u Giuseppi maghruf bhala Kurun Said u li mal-mewt ta' Pawlu Said din giet assenjata lil ommhom bhala wirt. Isostnu wkoll li l-omm dejjem xtaqet u ddisponiet li din ir-raba' tinqasam bejn l-ahwa kollha. Isostnu wkoll li din ir-raba' giet assenjata lilhom permezz ta' kawza ta' divizjoni deciza minn din il-Qorti diversament preseduta datata 16 ta' Settembru, 2009 (esebita ma' l-atti tal-mandat) u li konsegwentement sar il-kuntratt ta' divizjoni datat 4 ta' Mejju, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Anna Maria Mizzi (wkoll esebit fl-atti tal-mandat). Hadd mill-konvenuti ghajr Joseph Attard ma ghandhom pretensjoni li kienu jahdmu l-art in kwistjoni filwaqt li Joseph Attard isostni li kien hu li jghin liz-zijiet jahdmu din l-art u li f'mument minnhom huh, l-attur Alfred Attard, kien gieghlu jitlaq mir-raba' bil-forza.

Illi l-Qorti tqis li f'din il-kawza jkun ahjar li ssir lista kronologika tal-fatti li rrizultaw f'din il-kawza stante li l-kronologija taghhom hija rilevanti ghall-ezitu finali tal-istess:

- Fis-sena 1973 infethet kawza ta' divizjoni bejn l-ahwa Pietru Pawl Said u Giuseppe Said bin-numru 38/1973/1. Eventwalment il-partijiet odjerni dahlu f'din il-kawza wara li l-kawza giet trasfuza f'isem ommhom Carmela Attard bhala eredi ta' Peter Paul Said u li mietet fl-14 ta' Frar, 2005.

- A fol. 151 tinsab esebita ricevuta ta' hlas ta' qbiela lill-Kurja datata 5 ta' Dicembru, 1990 liema ricevuta hija l-ewwel wahda li tidher li ssejjah lill-attur Alfred Attard. Din l-ircevuta taghmel referenza ghall-bicca raba' msejha "ta' Gebel l-Ahmar" limiti ta' Nadur. Fuq din l-istess ricevuta jidher notament li jghid li dan huwa l-ewwel hlas wara stima ta' Zahra. Fl-atti a fol. 156 tal-process xehed Dun Guzepp Cauchi li ghandu l-funzjoni ta' prokuratur tal-Katidral li kkonferma l-ircevuti a fol. 149, 150 u 151 bhala li mahruga mill-Katidral u ffirmata mill-prokuratur ta' qablu Monsinjur G. Vella, gia mejjet fil-mument li kien qed jixhed Dun Guzepp Cauchi. Dawn l-ircevuti kollha jsejhu lil Alfred Attard ghalkemm l-istess xhud ma setax jaghti spjegazzjoni meta u kif din ir-raba' giet maqluba ghal fuq ismu. A fol. 159 ix-xhud jikkonferma li l-

attur Alfred Attard fis-sena 1990 hallas b'lura mis-sena 1984 'il quddiem u baqa' jhallas hu sakemm l-art giet trasferita lill-:

> "Ix-xhud Dun Guzepp Cauchi:
> Ma sibniex records, pero' Alfred hallas fis-sena elf disa' mija u disghin (1990) u hallas b'lura min-nineteen eighty four (1984) san-nineteen ninety two (1992) meta mbaghad ir-raba ghadda ghand il-Gvern, u beda jhallas tmien (Lm8) liri fis-sena.
>
> L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:
> Sewwa, tmien (Lm8) liri fis-sena. Issa inti ghedtilna ma sibtux records.
> …
> L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:
> Issa hawnhekk hawn miktub ara "l-ewwel hlas wara stima ta' Zahra," dik x'tista' tkun tfisser fuq l-ircevuta? "L-ewwel hlas wara stima ta' Zahra," dik xi tkun hemmhekk?
>
> Ix-xhud Dun Guzepp Cauchi:
> L-ewwel hlas?
>
> L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:
> "Wara stima ta' Zahra" hemm miktub.
>
> Ix-xhud Dun Guzepp Cauchi:
> Ma nafx, fil-kaz staqsu lilu hux."

A fol. 64 xehed Paul Zahra li kkonferma li huwa kien jaghmel stejjem ghall-Katidral f'kaz ta' trasferiment ta' qbiela u li ghalkemm ma kienx jiftakar il-kaz partikolari kkonferma li dan huwa kien jaghmlu ghall-skop kif isegwi:

> "L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:
> Ara a fol 151 tal-process hawn ircevuta u hawn miktub fuqha "l-ewwel hlas wara stima ta' Zahra," inti kont ghamilt xi stima?
>
> Ix-xhud Paul Zahra:

Jiena kont naghti xi pariri lill-Kapitlu biex nikwantifikalhom l-istejjem.

<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>
Jigifieri tal-qbiela?

<u>Ix-xhud Paul Zahra:</u>
Tal-qbiela.

…

<u>L-Avukat Dottor Joshua Grech:</u>
L-iskop imma ghalfejn kienet tintalab stima, b'mod generali mhux ghall-kaz, ladarba ma tiftakarx ma tiftakarx, b'mod generali x'kien ikun?

<u>Ix-xhud Paul Zahra:</u>
L-gharfien, biex xi hadd tgharfu bhala l-inkwilin il-gdid."

Jispjega wkoll li bhala regola ma kienux jghollu l-qbiela sad-doppju izda ftit anqas mid-doppju. Mill-ircevuti ta' Alfred Attard ix-xhud Dun Guzepp Attard fil-fatt ikkonferma li f'mument minnhom il-kera gholiet meta dahal Alfred Attard fix-xena.

- Fis-16 ta' Settembru, 1997 miet Pietru Pawl Said. Fil-kawza 38/1973/1 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Carmela Attard, omm il-partijiet odjerni stante li b'testment li sar fit-2 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani (esebit a fol. 44 tal-process tal-kawza 38/1973/1) istitwixxa lil ohtu Carmel Attard bhala werrieta universali tieghu.

- Fis-sena 2001 l-atturi applikaw sabiex jigu rikonoxxuti mill-Gvern bhala l-kerrejja tal-art in kwistjoni u dan meta giet introdotta l-iskema tal-qbiela f'Awissu tas-sena 2000. Irrizulta mix-xhieda ta' Martin Bajada in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet fl-atti (fol. 49 et seq, fol 65 et seq u fol 223 et seq.) li ghal din l-iskema setghu japplikaw min kien gia jhallas il-kera jew qbiela f'ismu f'liema kaz l-applikazzjoni kienet tiswa Lm30 jekk jipprezentaw l-ahhar ricevuta tal-kera filwaqt li dawk li kienu jippossjedu u jahdmu r-raba ghal mill-anqas sentejn izda minghajr titolu hallsu Lm50 ghall-applikazzjoni. Fil-kaz tal-atturi jirrizulta mill-atti li dawn hallsu Lm30 li skont l-istess xhud probabbilment jindika li

min laqa' l-applikazzjoni gie muri l-ahhar ricevuta li kienet f'isem Alfred Attard u ghalhekk talab dan il-hlas:

> "Dr. Kevin Mampalao: Issa, ha naghmillek domanda qabel tesebixxi dan, meta saret l-applikazzjoni, l-ahhar darba ghidtilna illi kien hemm zewg tipi ta' applikanti, dawk li kellhom diga' titolu u dawk li ma kellhomx titolu u ghidtilna kien ilhom jahdmuh sentejn.
>
> Martin Bajada : Ehe.
>
> Dr. Kevin Mampalao: Issa f'dan il-kaz Alfred Attard ma' liema section kien qieghed? Inti niftakar iddistingwejthom bi hlas ta' tletin (Lm 30) lira u tal-hamsin (Lm 50) lira.
> …
>
> Martin Bajada: Le skont hawnhekk ta' tletin (Lm30) lira, skuzani, nirtira, tletin (Lm30) lira.
>
> Dr. Kevin Mampalao: Jigifieri li hu kellu diga titolu, hekk tfisser ta' tletin (Lm30) lira?
>
> Martin Bajada: Le, jiena qed nghid li dawk l-applikazzjonijiet kienu, min accetta l-hlas li kien hemm kif ghandu jaccetta l-hlas, accetta hlas ta' tletin (Lm30) lira, jiena minix nghid jekk kellux titolu jew le.
>
> Dr. Kevin Mampalao: Le, le, pero ta' tletin (Lm30) lira, min kien japplika b'ta' tletin (Lm30) lira?
>
> Martin Bajada: Tletin (Lm30) lira min kien rikonoxxut.
> …
>
> Martin Bajada: Iva. Issa ovvjament, giet issottomessa l-applikazzjoni, min mexxa l-applikazzjonijiet, ovvjament jiena nzertajt jigifieri ma hdimthomx jiena, ghandi nies jahdmu fuqhom, jaraw li l-art tinhadem u hemm hafna rekwiziti, ovvjament sar il-kuntratt u l-kuntratt sar fis-sitta (6) ta' Mejju elfejn u hdax (2011), fis-sitta (6) ta' Mejju elfejn u hdax (2011), jigifieri ghaddew ghaxar (10) snin, u hawnhekk hawn id-

dokumenti. Irrid nghid ukoll illi l-applikazzjoni li applika s-sinjur, hu applikazzjoni wahda deher, jigifieri l-pjanta li ssottometta li hawnhekk hawn pjanta taghha wkoll, hija wahda, imma d-Dipartiment ra illi peress li kellu certu artijiet ma jmissux ma' xulxin, qasamha f'erbgha (4).

Dr. Kevin Mampalao: Kont se nistaqsik.

Martin Bajada: U qasamha f'erbgha (4) hawn ukoll kull porzjon kif inqasmet u kull kuntratt li sar fuqha.

Dr. Kevin Mampalao: Ha naghmel domanda diretta, kull porzjon sar kuntratt ghaliha jigifieri?

Martin Bajada: Iva ghax diment li ma jmissux ma' xulxin. …"

- Fis-16 ta' Settembru, 2009 giet deciza l-kawza ta' divizjoni numru 38/1973/1 u l-partijiet rilevanti ta' dik il-kawza ghall-mertu tal-kaz odjern jaqraw kif isegwi:

'(a) Fir-rigward tal-immobbli li jissemmew f'porzjon A, Dr. Kevin Mompalao ghal Alfred Attard jirrimetti ruhu u Dr. Joseph Grech ghall-kumplament tal-ahwa Attard jiddikjara li hemm qbil ma' dak propost mill-periti addizzjonali. **Id-difensur ta' Alfred Attard iddikjara wkoll li l-patrocinat tieghu jrid jibqa' fil-pussess tar-raba' maghrufa bhala "tal-Gebel l-Ahmar".'** (*emfasi tal-Qorti)*

'12. **Ghal dik li hi raba' mqabbla, il-provi huma skarsi hafna (***emfasi tal-Qorti)***.** Fis-seduta tat-3 ta' Jannar, 2003 gie dikjarat li r-raba' mqabbla li hemm ghall-qasma hi dik indikata fil-paragrafi B, C, D, E u F (ara rapport tal-Perit Joseph Dimech – fol. 133 b). Din ir-raba', skont ir-rapport hi s-segwenti:-

. . . . v. F – Raba ta' Gebel l-Ahmar fil-limiti tan-Nadur. Kejl ta' cirka tlett itmiem u nofs – Peter Paul Said kellu d-detenzjoni.

Illum ir-raba' ma tistax tinqasam f'erba' (4) porzjonijiet. Waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 il-partijiet jidhru li qeghdin jaqblu li r-raba' ta' Bordin tikkonsisti f'D, C u E. Fin-nuqqas ta' provi l-qorti ser tipprova

taddotta soluzzjoni prattika fis-sens li ser tordna li l-qbiela tar-raba' ta' Gebel l-Ahmar tigi assenjata f'porzjoni A (is-sehem ta' din il-porzjoni hu ikbar mill-porzjonijiet l-ohra) . . . Il-qorti m'hijiex tal-fehma li wara dawn is-snin kollha ghandhom isiru iktar spejjez bin-nomina ta' iktar esperti.'

- A fol. 90 tal-process tinsab esebita ittra datata 14 ta' Settebru, 2010 li izda tidher li waslet ghand id-Dipartiment tal-Artijiet nhar is-16 ta' Settembru, 2010 fejn permezz taghha l-konvenut Joseph Attard oggezzjona li Alfred Attard jinghata titolu ta' kera fuq l-art in kwistjoni f'din il-kawza bir-raguni tkun mhux ghaliex fil-mument li saret l-applikazzjoni jew fiz-zminijiet recenti ta' qabel kien jahdimhom Joseph Attard izda kif ghar-ragunijiet kif isegwu:

'Dan ghar-raguni li r-raba' kien originarjament imqabbel lil Peter Paul Said, iz-ziju tal-istess Joseph Attard u kien il-mittenti li kien jghin lil Peter Paul Said jahdem ir-raba'. Peter Paul Said kien innomina bhala werrieta universali tieghu lil Karmena Attard nee' Said li tigi omm il-mittenti kif wkoll omm l-applikant Alfred Attard.

Il-mittenti jirrileva li sabiex saru dawn l-applikazzjonijiet hadd mis-seba' l-ahwa l-ohra ta' Alfred Attard ma kien infurmat u/jew ta' l-kunsens tieghu ghal dawn l-applikazzjonijiet. In oltre Alfred Attard kien dahal jahdem fir-raba' fuq bazi ta' mera tolleranza wara li omm il-mittenti kienet taghtu permess f'dan is-sens diment li kienet ghadha hajja. Wara d-drittijiet u l-proprjeta' kollha li kellha Karmena Said kellhom inqasmu fi kwoti wgwali bejn it-tmint ahwa. Jigi rilevat wkoll li fil-prezent Alfred Attard lanqas m'hu qieghed jahdem ir-raba' hu personalment. Anzi qieghed iwelli r-raba' lil terzi li qeghdin jahdmuh u jiehdu l-wicc huma stess.'

Il-Qorti tinnota li nonostante l-kawza ta' divizjoni kienet gia giet deciza fis-sena 2009 ghal xi raguni Joseph Attard ghazel li ma jsemmi xejn dwar din id-decizjoni tieghu fl-ittra lid-Dipartiment.

Fix-xhieda tieghu a fol. 223 *et seq* tal-process is-Sur Martin Bajada in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet ikkonferma li l-ittra hawn fuq indikata ma kinitx meqjusa bhala raguni sufficjenti sabiex twaqqaf lid-Dipartiment milli jersaq ghall-iffirmar tal-kuntratt ta' kiri ma' Alfred Attard u martu bir-ragunijiet moghtija mill-istess xhud fost ohrajn kienu

li ma kinitx kwistjoni ta' 'over-lapping' ghaliex Joseph Attard qatt ma applika u li Joseph Attard ma kienx qed jallega li qed jahdem l-art hu.

- Fl-4 ta' Mejju, 2011 gie ppubblikat l-att ta' divizjoni ordnat mill-Qorti permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Anna Maria Mizzi permezz ta' liema:

'il-qbiela ta' porzjon raba' maghrufa bhala 'tal-Gebel l-Ahmar' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex' giet assenjata lill-ahwa Attard, uhud minnhom partijiet fil-kawza odjerna.

Jirrizulta li l-attur Alfred Attard ma attendiex ghall-kuntratt u dan gie ffirmat f'ismu mill-kuratur Dr. Simone Grech appuntata mill-Qorti sabiex tirraprezenta l-partijiet kontumaci.

- Fis-6 ta' Mejju, 2011 saru l-kuntratti ta' kiri bejn l-atturi Alfred u Mary Attard mat-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern li permezz taghha giet formalment imqabbla r-raba' in kwistjoni favur l-atturi (ara fol. 71 sa fol 127 tal-process). Partijiet minn dawn il-kuntratti jaqraw kif isegwi:

'Il-kerrej huwa responsabbli, jaghmel tajjeb u jzomm hieles minn kwalunwke telf, danni, spejjez, hlasijiet u obbligazzjonijiet li jista' jsofri l-Gvern, u kwalunkwe telf, danni, spejjez, hlasijiet u obbligazzjonijiet li jista' jsofri l-Gvern direttament jew indirettament ma' din il-kirja huma a karigu ta' u ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-kerrej. . . .

Il-proprjeta' qeghdha tinkera bil-kundizzjoni li ebda persuna ohra barra l-kerrej ma ghandu dritt bil-ligi ghall-kiri tal-istess proprjeta' jew ta' parti minnha, u din il-kirja tista' tigi tterminata mill-Gvern jekk xi haddiehor igib prova li ghandu dritt bil-ligi ghall-kiri ta' din il-proprjeta' jew parti minnha.'

- Illi fir-rikors guramentat datat 21 ta' Dicembru, 2011 l-atturi allegaw li 'ricentement' il-konvenuti hutu kienu qabdu u dahlu fir-raba' in kwistjoni u ghamlu qsami fl-istess raba' u bdew jippretendu illi l-porzjon hu ta' wiehed u porzjon huwa ta' l-iehor. Il-konvenuti fix-xhieda taghhom dan kollu ma jichduhx anzi jikkonfermaw li huma ghamlu hekk wara li skont huma tahom parir sabiex jaghmlu hekk Martin Bajada rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet li huma kienu

jmorru jiltaqghu mieghu fl-ufficcju tal-Ministru Giovanna Debono fil-prezenza taghha. A fol. 191 tal-process Doreen Buttigieg tixhed illi:

> '**Il-Qorti:**
> Il-kawza infethet fl-elfejn u had (2011). Hu hekk? Il-kawza nfethet fl-elfejn u hdax (2011). Il-kawza nfethet fl-istess zmien li intom dhaltu fl-ghalqa? Jew fl-istess zmien?
>
> **Xhud:**
> X'hin dhalt fl-ghalqa, il-gurnata ma nafhiex. Xi gimgha wara gietni karta mill-qorti, li mharka l-qorti, jigifieri. . . '

Joseph Attard a fol. 274 tal-process jixhed kif isegwi:

> 'Martin Bajada qalilna meta nghidilkom morru u aqsmuha..'

Ikkunsidrat ulterjorment illi dwar il-kwistjoni dwar min kien jahdem ir-raba' in kwistjoni qabel inqala' l-bzonn ta' din il-kawza u s-snin ta' qabel, l-ahwa nisa Attard fix-xhieda taghhom kollha kkonfermaw li huma ma kienux jahdmu din ir-raba' u li kienu jahdmuha huthom is-subien partikolarment Alfred Attard u Joseph Attard:

> '**Avukat:**
> Joey u Fredu kienu jidhlu wkoll. U dawn Joey u Fredu x'kienu jaghmlu hemm hekk? X'kienu jaghmlu gor-raba? Kienu jidhlu, imma x'kienu jidhlu jaghmlu?
>
> **Xhud Josephine Farrugia:**
> Kienu jghinu z-ziju jizra xi haga.' (fol. 193 *et seq*)

Uhud minnhom izda b'kontradizzjoni ma' huthom stess jinsistu aktar fuq Joseph Attard milli fuq Alfred Attard izda lkoll jaqblu li f'mument minnhom Joseph Attard waqaf milli jibqa' jahdem ir-raba' skont huma ghaliex safa' mkecci minn Alfred Attard. Il-Qorti tinnota wkoll kontradizzjoni fix-xhieda ta' Joseph Attard kemm meta mqabbla l-affidavit tieghu mal-kontro-ezami tieghu stess kif ukoll ma' dak li jghidu hutu ghaliex f'mument minnhom isostni li kien hemm zmien li hu u huh kienu jahdmu din ir-raba' flimkien izda mbaghad fil-kontro-ezami jsostni ghal aktar minn darba li kien ikun hu li jahdem ir-raba' wahdu qabel keccieh huh Alfred. Ukoll ghalkemm isostni li huh keccieh fl-ittra

mibghuta lid-Dipartiment tal-Artijiet hawn fuq ikwotata huwa ma jghidx li huh keccieh izda li r-raba' kien jahdimha b'tolleranza Alfred Attard bil-permess ta' ommhom. Dan kollu jikkontradixxi sahansitra dak li xehdu hutu l-bniet. Dawn il-kontradizzjonijiet xejn ma jimmilitaw favur il-kredibilita' tax-xhieda ta' Joseph Attard.

Illi mix-xhieda b'mod kollettiv irrizulta li sa madwar hmistax-il sena qabel infethet il-kawza kien Alfred Attard li kien qed jahdem ir-raba' ghalkemm kien hemm min sostna li dan kien meta Pietru Pawl Said kien ghadu haj u ohrajn sostnew li kien wara li mietet ommhom Carmela Attard nee' Said li kien fis-sena 2005. Il-Qorti izda taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess Joseph Attard a fol. 179 tal-process li jghid specifikatament kif isegwi:

> 'Wara li miet iz-ziju Pawlu, hija Fredu kien keccieni minn dan ir-raba'. Kien jaghmel ghalija kull darba li jiena mmur fir-raba', kien jarma jghajjat u lili ghalhekk kien sfurzani sabiex ma nersaqx aktar f'din ir-raba.'

Il-Qorti tinnota li dan il-perjodu huwa sahansitra wara li Alfred Attard kien gia ilu rikonoxxut mill-Knisja Katidrali bhala l-kerrej tar-raba in kwistjoni. Joseph Attard ukoll jikkonferma a fol. 265 *et seq* tal-process li huwa qatt ma hallas qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni.

Illi mill-fatti u provi kollha suesposti u fl-atti l-Qorti tasal ghall-konkluzjonijiet segwenti:

1. Illi l-attur Alfred Attard ilu rikonoxxut bhala l-kerrej tar-raba' in kwistjoni zgur sa mis-sena 1990 u dan mill-istess Knisja Katidrali qabel mal-art in kwistjoni giet trasferita lill-Gvern ta' Malta. F'dak iz-zmien Pietru Pawl Said kien ghadu haj izda l-qbiela tal-art ma kinitx ghadha ssejjah lilu;

2. Illi l-attur Alfred Attard baqa' jhallas il-qbiela f'ismu tul is-snin (ara ricevuti a fol. 132 sa 149 tal-process);

3. Illi l-attur Alfred Attard fl-atti tad-decizjoni 38/1973/1 kien ghamilha cara li qed jinsisti li jibqa' fil-pussess tal-art in kwistjoni u baqa' dejjem konsistenti fuq dan il-pussess kemm fl-atti ta' dik il-kawza kif ukoll sal-mument li nfethet il-kawza odjerna;

4. Illi d-decizjoni 38/1973/1 kienet tikkonsisti f'divizjoni tal-proprjeta' u se mai drittijiet ta' qbiela li kellhom favur taghhom Pietru Pawl Said u Guzeppi Said dakinhar ta' mewthom. Pietru Pawl Said miet fis-sena 1997 u dak iz-zmien ir-raba' maghrufa bhala "tal-Gebel l-Ahmar" fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex ma kinitx ghadha ssejjah lil Pietru Pawl Said izda lil Alfred Attard allura din ma setghetx legalment tifforma parti mid-divizjoni in kwistjoni. Fil-fatt kienet l-istess Qorti li ammettiet li l-provi dwar il-qbiela kienu **'pjuttost skarsi'** u ghaddiet ghad-decizjoni mhux ghaliex tali qbiela kienet ippruvata izda sabiex ma ttawwalx aktar il-proceduri li kien ilhom ghaddejjin mis-sena 1973, dan izda ma jfissirx li saret gustizzja b'mod partikolari mal-attur odjern. La darba din ir-raba' ma kinitx issejjah lil Pietru Pawl Said fil-mument ta' mewtu konsegwentement u legalment id-dritt ta' qbiela fuqha qatt ma seta' jghaddi fuq omm il-partijiet Carmela Attard mal-mewt tieghu bhala eredi tieghu. Dan ifisser ukoll li din qatt ma setghet legalment tigi trasferita lilhom kemm tramite d-decizjoni tal-Qorti u wisq anqas tramite l-kuntratt ta' divizjoni li sar fis-sena 2011. Alfred Attard m' attendiex ghall-iffirmar tal-kuntratt ta' divizjoni u jirrizulta li kien rapprezentat minn kuratur ghall-kontumaci mqabbad mill-Qorti b'tali mod li ma jistax jigi kkunsidrat li bl-agir tieghu huwa b'xi mod illeda d-drittijiet tieghu fuq il-qbiela in kwistjoni jew accetta dak li erronjament il-Qorti kienet ordnat li jigi diviz meta qatt ma kellu jifforma parti mill-massa ereditarja;

5. Illi fis-sena 2011 l-attur Alfred Attard flimkien ma' martu gew rikonoxxuti bhala kerrejja wkoll mill-Gvern ta' Malta li f'idejh kienet ghaddiet l-amministrazzjoni ta' din ir-raba' b'tali mod li rega' gie kkonfermat it-titolu ta' qbiela Alfred Attard fuq din l-art;

6. Illi din il-Qorti tqis li tressqu provi sufficjenti sabiex jevidenzjaw li sa mill-bidu tas-snin 90 sal-mument li giet prezentata l-kawza l-attur u konsegwentement l-attur flimkien ma' martu kienu jikru u kellhom f'idejhom ir-raba' in kwistjoni;

7. Illi din il-Qorti tqis ukoll li tressqu provi sufficjenti fil-ligi sabiex jevidenzjaw li ftit jiem jew gimghat qabel infethet il-kawza odjerna u zgur mhux aktar minn sena qabel il-konvenuti volontarjament dahlu f'din ir-raba' u qasmu l-istess raba' fit-tmien porzjonijiet u ppretendew li jibdew jitrattaw tali porzjonijiet bhala taghhom a detriment tat-titolu tal-atturi fuq l-istess raba';

8. Illi ghalkemm il-konvenuti jsostnu li Alfred Attard qieghed jikri din ir-raba' lil terzi l-Qorti ma tqisx li tressqu provi sufficjenti sabiex jevidenzjaw dan u zgur ma tqisx li ritratti ta' tadam mitluq fir-raba' wahdu jew ta' bowser minghajr hadd hdejh (fol. 238 et seq) jista' b'xi mod jevidenzja li dan thalla hemm minn xi terzi jew li qed jinhadem minn terzi u mhux mill-attur. Fi kwalunkwe kaz il-kawza, apparti l-ewwel talba, hija wahda ta' molestja bbazata fuq il-pussess li l-atturi jvantaw tar-raba' in kwistjoni lura fis-sena 2011 filwaqt li l-konvenuti qed isostnu li l-allegat kiri lil terzi (mhux pruvat) sar wara li nfethet il-kawza u ma jikkontestawx il-fatt li r-raba' kienet mahduma mill-attur fis-sena 2011.

**Bazi legali:**

Illi l-ewwel talba tal-attur hija wahda cara fejn qed jintalab li din il-Qorti tikkonferma jew le stat ta' fatt u cioe' jekk l-atturi humiex l-inkwilini ta' l-art in kwistjoni. It-tieni u t-tielet talba jirriflettu talba ai termini tal-'*actio manutentionis'* li izda f'termini ta' gurisprudenza ma tistax tigi proposta meta d-detenzjoni tal-oggett in kwistjoni, f'dan il-kaz partikolari r-raba' tkun a bazi ta' lokazzjoni u mhux ta' pussess *animo domini* tant illi s-success tal-ewwel talba, jikkontradixxi u jgib fix-xejn it-tieni u t-tielet talba tal-attur.

Illi fuq dan il-punt il-kawza fl-ismijiet '**George Camilleri vs. George Bonello'** deciza mill-Onorevoli Mhallef Dr. Tonio Mallia fil-Prim'Awla Tal-Qorti Civili datata 20 ta' Ottubru, 2005 jinghad kif isegwi:

> 'L-azzjoni ta' manutenzjoni hi kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili li jipprovdi:
>
> *"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga mmobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju".*
>
> Dwar l-element ta' *"pussess"*, din giet studjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini", deciza fl-24 ta' Frar, 1967. F'dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti tat interpretazzjoni

wiesgha tar-rekwizit tal-pussess, u osservat li fis-sistema tal-ligi taghna, il-vizzju tal-prekarjeta, jeskludi l-azzjoni biss meta jkun fil-konfront tal- konvenut, u osservat li dan jirrizulta car mill-kliem *"minghandu"* fl-ahhar tal-artikolu. Dik l-Onorabbli Qorti qalet ukoll li dik kienet l-intenzjoni cara tal-legislatur kif jirrizulta min-noti ta' Sir Adrian Dingli dwar dan l-artikolu stess li jaghmlu emfasi fuq is-sopressjoni tal-kelma *"legittimu"* li kienet tinsab fil-kodici taljan relattivament ghall-pussess manutenibbli.

Qabel ma nghatat din is-sentenza, il-gurisprudenza lokali kienet kontrarja, u kien jinghad li biex wiehed jirnexxi bl-*actio manutenionis* irid jipprova pussess *animo domini* fis-sens tal-artikolu 524(1) tal-Kodici Civili. Hekk, fil-kawza "Bonello Micallef vs Parnis England", deciza min din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 1957, il-Qorti ddikjarat li:

*"il-pussess, skont l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Taghna, jikkomprendi biss il-pussess kif definit mil-legislatur fl-art. 561 tal-Kodici citat, jigifieri d-detenzjoni ta' haga 'animo domini' (Kollezz. XXVII.I.622; u XXXIII.II.198); Illi 'ex admissis' l-attrici hija ko-inkwilina tal-fond in kwistjoni, u ghalhekk ma tistax tezercita l-azzjoni llum minnha esperita".*

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Arrigo vs Anastasi", deciza fit-3 ta' Gunju, 1959, iddistingwiet bejn l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili, u l-azzjoni li tispetta lill-inkwilin. Hi osservat:

*"hu manifest li l-azzjoni esperita mill-attur mhix dik li tohrog mid-dispozizzjoni tal-ligi riferita, li hija moghtija biss fis-sens proprju u strett ta' detenzjoni 'cum animo domini'; u dan ghaliex l-attur ma ghandux, u lanqas ma jippretendi li ghandu, pussess simili, u ma bbazax l-azzjoni fuq dak il-pussess, imma fuq id-dritt li l-ligi taghti lill-inkwilin li jagixxi kontra t-terz li ghemilu jkun immolestah fit-tgawdija tal-haga li tkun giet lilu lokata. Fl-ghemil tat-terz konvenut, deskritt fl-att tac-citazzjoni, l-attur jirravviza molestja; u billi, kif huwa jallega, din mhix molestja ta' dritt, qieghed jagixxi f'ismu nnifsu kontra l-istess konvenut in bazi ghad-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1639 tal-istess Kodici citat, li tipprovdi fis-sens li sid il-kera mhux obbligat jaghmel tajjeb lill-kerrej ghall-molestja li terzi persuni b'ghemilhom jikkagunaw lill-inkwilin fit-tgawdija tal-haga, meta dawn il-persuni ma jkunux*

*jippretendu xi jedd fuq il-haga mikrija, bla hsara tal-jedd tal-kerrej li jagixxi kontra dawk il-persuni f'ismu nnifsu".*

Hekk ukoll fil-kawza "Mamo vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Marzu, 1962, rega' intqal li l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 ma tispettax lill-inkwilin, izda lil min hu pussessur skont kif definit fl-istess ligi:

*"L-azzjoni ezercitata lanqas tista' tkun dik ta' manutenzjoni fil-pussess kontemplata fl-art. 571; ghas-semplici raguni illi l-attur hu biss kerrej tal-fond, cjoe' semplici detentur, mentri dik l-azzjoni tikkompeti biss lil min hu possessor fis-sens veru tal-art. 561(1) tal-imsemmi Kodici (Vol. XXVII.I.622)"*

Recentement, il-pozizzjoni regghet giet studjata minn din il-Qorti (Onor. G. Caruana Demajo) fil-kawza "Aquilina vs Aquilina", deciza fit-8 ta' Frar, 1996. Din il-Qorti ma qablitx ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini", u qalet li min m'ghandux pussess *ancorche' "ta' liema xorta jkun"*(ie. ukoll *in mala fede*), ma jistax jipproponi l-*actio manutentianis*. Ghalhekk, inkwilin, li ghandu biss *causa detentionis*, m'ghandux din l-azzjoni. Il-Qorti osservat li *"titolu prekarju"* fis-sistema Malti ghandha tifsira cara fl-artikolu 1839 tal-Kodici Civili, u, ghalhekk, m'ghandhiex tigi nterpretata skont id-duttrina Franciza (kif ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini") fejn ghandha sinifikat ta' *"ogni detenzione in nome altrui"*.

Din l-ahhar posizzjoni, tidher, li qed tigi segwita mill-Qrati taghna. Fil-kawza "Mamo vs Galea", deciza minn din il-Qorti (Onor. P. Sciberras) fit-18 ta' Frar, 2004, intqal:

*"Issa l-pussess tutelabbli li jillegittima l-azzjoni hu dak definit fl-Artikolu 524 (1) tal-Kapitolu 16. Pussess li allura ghandu jkun b'rekwizit il-karattru tal-pussess ad usucapionem, ossija l-pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. "Pussess li kellu jfisser bhala minimu detenzjoni ta' haga animo domini. Kien ghalhekk li jinsab ritenut illi azzjoni ta' din ix-xorta ma tistax tigi ezercitata minn persuna li kienet, per ezempju, semplici nkwilina tal-fond li fih tkun saret il-molestja li tkun trid tigi respinta b'dik l-azzjoni"* (Vol. XLI PII p 1005; Vol. XXXIII P II p 198)".

Hekk ukoll fil-kawza "Borg vs Cachia Zammit", deciza minn din il-Qorti (Onor. D. Scicluna) fit-8 ta' Ottubru, 2004, gie osservat illi:

*"Issa huwa veru li l-artikolu 534 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ta' manutenzjoni jista' jressaqha min "jinsab fil-pussess ... ta' haga mmobbli" u li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun"; izda dan ma jfissirx li d-detenzjoni hija bizzejjed ghax detenzjoni mhijiex pussess. Kemm "pussess ta' liema xorta jkun" ma jinkludix ukoll id-detenzjoni jidher aktar car mill-artikolu ta' wara (l-artikolu 535) dwar l-azzjoni ta' spoll li, kontra dak li jipprovdi l-artikolu 534, isemmi kemm il-"pussess ta' liema xorta jkun" kif ukoll "id-detenzjoni" biex juri li l-azzjoni ta' spoll jista' jressaqha wkoll id-detentur. Ghalhekk l-attur ma setax jipprocedi kontra l-konvenuti ai termini ta' l-artikolu 534 tal-Kodici Civili izda kellu se mai rimedji alternattivi kontemplati mill-istess ligi".*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u tqis li l-*actio manutensionis* tista' tigi ezercitata biss minn min ikollu *"pussess"*, fis-sens tal-ligi, tal-proprjeta' *in kwistjoni*.

Issa, f'dan il-kaz, ghalkemm l-attur seta' kellu d-detenzjoni tal-ghalqa, ma jirrizultax li hu kellu pussess *amino domini*. L-attur ha t-tgawdija tal-ghalqa minghand missier il-konvenut; hu kien jaf li l-ghalqa ma kinetx ta' missier il-konvenut, izda dan ghaddhielu biex ikun jista' jahdimha. L-ghalqa, *pero'*, baqghet registrata fl-Ghammieri fuq isem missier il-konvenut, u wara l-mewt ta' dan, daret u giet registrata fuq isem il-konvenut. Meta l-attur xehed fil-kawza ta' spoll, qal li missier il-konvenut kien qallu li ried iwelli l-ghalqa, u hadha minghandu. L-attur stqarr ukoll li meta sar jaf li l-art kienet ta' kumpanija ta' Angelo Xuereb, mar ikellmu u staqsih jekk jistax ikompli jahdimha. Dan wiegbu li ma riedx qbiela, izda ghalissa seta' jkompli jahdimha. L-attur, allura, mhux qed jokkupa l-art *"ghalih innifsu"*, izda f'isem haddiehor; hu jirrikonoxxi t-titolu ta' haddiehor ta' proprjeta' fuq l-art *in kwistjoni*. It-titolu tieghu jista' jkun ta' lokazzjoni, ta' kommodat, jew prekarju, *pero'*, f'kull kaz, mhux wiehed ta' pussess, u min m'ghandux pussess ma jistax jipproponi l-*actio manutentionis*.

L-awtur Taljan Alberto Trabucchi (*"Istituzione di Diritto Civile"*

CEDAM 1999) jiccita l-artikolu relattiv mil-ligi Taljana li jirrizulta simili ghal dak fit-test Malti: *"Il possesso e' definito dall'art 1140 come un potere sulla cosa che si manifesta in un'attivita' corrispondente all'esercizio del diritto di proprieta' o di un altro diritto reale"* (pagna 455). Imbaghad ikompli jispjega d-distinzjoni bejn pussess u detenzjoni a bazi ta' l-*animus*; *"E' l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l'altro appaiono in un uguale rapporto di fatto con la cosa. Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta' o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella ... Si avra' detenzione e non possesso in chi tiene la cosa ...d) nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa avuta in locazione, comodatario, ecc)".*

Francesco Galgano (*"Diritto Privato", CEDAM, 1988)* ukoll jenfasizza l-importanza ta' l-*animus* meta jghid *"Occorre, per essere possessore, l'animo o intenzione di possedere (per i romani:* animus possidendi), *ossia l'intenzione di comportarsi come proprietario della cosa ... Non e', invece, possessore chi detenga la cosa per un titolo (ad esempio, per contratto di locazione, o di affitto o di noleggio) che implichi riconoscimento dell'altruita' della cosa" (pagna 130)".*

Ukoll Andrea Torrente u Piero Schlesinger (*"Manuele di Diritto Privato" Giuffre', 1985)* jaqblu li l-*animus* hu dak li jiddistingwi pussess minn detenzjoni *(pagna 387)* u jghidu: *"La detenzione – che e' la situazione possessoria base – consiste nell'avere la disponibilita' di una cosa, ossia nell'avere la possibilita' di utizzarla (corpus) tutte le volte che si voglia, senza bisogno di superare ostacoli seri e duraturi, pur riconoscendo (animus detinendi) che essa e' di altri, cui si deve render conto dell'uso del bene (cosi', ad es., detentori sono il conduttore, il commodatario, ecc.)"*

L-attur ma weriex li hu kellu dan it-tip ta' pussess u, *kwindi*, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.'

Il-Qorti tinnota li dan l-argument ghalkemm ma tqajjimx mill-konvenuti in via ta' eccezzjoni, tqajjem mid-difensur tal-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u l-Qorti tqis li ghalkemm ma tressaqx bhala eccezzjoni xorta wahda hija marbuta *ex officio* li tqajjem tali mpossibilita'

legali da parti tal-atturi li jipproponu t-tieni u t-tielet talbiet taghhom.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista tal-provi, insenjamenti u gurisprudenza hawn fuq ikkwotata din il-Qorti ma ghandhiex wisq ghazla ghal dawk li huma t-talbiet tal-atturi. Mill-provi jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li l-atturi huma bi dritt l-unici nkwilini tal-art in kwistjoni f'din il-kawza maghrufa "Tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl ta' cirka sebat elef disa' mija u sebgha u erbghin metru kwadru (7947 mk), porzjon art tal-kejl ta' cirka mitejn u wiehed u tmenin metru kwadru (281mk), porzjon art iehor tal-Gebel l-Ahmar tal-kejl ta' cirka tmien mija u wiehed u tletin metru kwadru (831mk) u porzjon art iehor tal-Gebel l-Ahmar tal-kejl ta' cirka sitt mija u wiehed metri kwadri (601mk) kollha konfinanti mill-irjieh kollha ma' beni ta' l-Ufficju Kongunt u li l-konvenuti u hadd mill-ahwa l-ohra Attard qatt ma seta' jigi legalment trasferit lilhom dan id-dritt permezz tad-decizjoni numru 38/1973/1 tas-sena 2009 u l-konsegwenti att ta' divizjoni tal-4 ta' Mejju, 2011 stante li din il-kirja ma kinitx tifforma parti mill-massa ereditarja in divizjoni fid-data tad-decizjoni. Ghalhekk jisthoqq li l-ewwel talba attrici tigi akkolta b'dana li l-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-atturi huma l-inkwilini ta' l-art fuq deskritta.

Illi izda la darba din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba attrici u tirrikonoxxi lill-atturi bhala l-inkwilini ta' l-art in kwistjoni, isegwi li l-atturi fil-vesti taghhom ta' inkwilini ma setghux legalment jipproponu talbiet a bazi tal-*actio manutentionis* stante li l-pussess taghhom mhux wiehed *animo domini*. Dan xejn ma jnaqqas mill-fatt li l-konvenuti ma kellhom l-ebda dritt fil-ligi li jaqbdu u jidhlu fir-raba' in kwistjoni mikrija validament lill-atturi u jaqsmu l-istess fi tmien porzjonijiet kif fil-fatt ghamlu. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex filwqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tqajjem *ex officio* l-impossibilita' legali da parti tal-atturi li jipproponu t-tieni u t-tielet talba taghhom bhala nkwilini rikonoxxuti tar-raba' in kwistjoni u tghaddi sabiex tichad it-tieni u t-tielet talbiet attrici.

Stante li fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax li l-konvenuti kellhom xi jedd fil-ligi li jagixxu bil-mod kif agixxew fir-raba' validament mikrija lill-atturi din il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi l-attur ghandu jbaghti terz mill-

ispejjez tal-kawza filwaqt li l-konvenuti ghandhom ibaghtu r-rimanenti spejjez tal-kawza kif ukoll l-ispejjez kollha relatati mal-mandat ta' inibizzjoni numru 58/2011 PC.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur